

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>Spejjeż

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [da](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

id-Daniż**Spejjeż****Danimarka****Fuq din il-paġna wieħed isib informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-qrati fid-Danimarka.**

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kumentwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekil-Ġermaniżil-Estonjanil-Griegl-Inglišil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanil-Ungerizil-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżil-Isvediż

Qafas regolatorju li jirregola d-drittijiet legali tal-professjonijiet legali

Fil-prinċipju ma hemmx qafas regolatorju li jirregola d-drittijiet imposti mill-professjonijiet legali. Madankollu, il-Qorti Superjuri (*landsret*) stabbilixxiet rati ta' gwida li huma aċċessibbli għall-pubbliku. Kulħadd jista' jressaq ilment rigward id-drittijiet ta' avukat quddiem il-Bord Dixxiplinarju tal-Avukati [Advokatnævnet](#).

Spejjeż fissi**Spejjeż fissi fi proċedimenti ċivili****Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili**

Il-liġi Daniża titlob li r-rikorrent iħallas id-drittijiet tal-qorti meta jressaq l-ilment. Bħala punt ta' tluq, id-dritt huwa wieħed fiss ta' DKK 500. Meta s-somma mitluba tinvolvi aktar minn DKK 50 000, id-dritt ikun ta' DKK 750, kif ukoll 1,2 % tal-ammont li bih is-somma mitluba tkun aktar minn DKK 50 000.

Meta s-somma mitluba tinvolvi aktar minn DKK 500 000, jitħallas dritt tas-smiġh addizzjonali għas-seduta tal-qorti. Dan id-dritt huwa l-istess bħad-dritt imħallas meta jiġi sottomess ilment. Għaldaqstant, anki għas-seduta tal-qorti, ir-rikorrent irid iħallas DKK 750 kif ukoll 1,2 % tal-ammont li bih is-somma mitluba tinvolvi aktar minn DKK 50 000.

L-ogħla limitu ta' DKK 75 000 gje stabbilit fir-rigward taż-żewġ tipi ta' drittijiet tal-qorti (id-dritt għas-sottomissjoni tal-ilment u għas-seduta tal-qorti).

Madankollu, f'ċerti kawżi (pereżempju, dawk relatati mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika), l-ogħla limitu huwa biss ta' DKK 2 000.

F'ċerti kawżi ċivili inklużi dawk relatati mal-liġi tal-familja, ma hemmx drittijiet li għandhom jitħallsu lill-qorti.

L-istadju tal-proċedimenti ċivili fejn il-partijiet iridu jħallsu l-ispejjeż fissi

Kif osservat aktar 'il fuq, ir-rikorrent irid iħallas dritt tal-qorti meta jressaq l-ilment.

Id-dritt għas-seduta tal-qorti jrid jitħallas sa meta tiġi stabbilita d-data tas-seduta, iżda mhux qabel tliet xhur qabel ma tibda s-seduta.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kriminali**Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kriminali**

Il-kawżi kriminali normalment ma jinvolvu drittijiet tal-qorti. Madankollu, numru żgħir ta' kawżi kriminali jressqu minn **prosekuzzjoni privata**, fejn f'dan il-każ japplikaw ir-regoli dwar id-drittijiet tal-qorti f'każijiet ċivili.

Spejjeż fissi fi proċedimenti kostituzzjonali**Spejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti kostituzzjonali**

Kawżi kostituzzjonali jistgħu jinstemgħu bħala kawżi ċivili jew inkella bħala każijiet kriminali. Fid-Danimarka ma hemmx regoli separati fir-rigward ta' proċedimenti kostituzzjonali.

Informazzjoni minn qabel dwar l-ispejjeż tal-qorti li għandha tiġi pprovduta minn rappreżentanti legali**Drittijiet u obbligi tal-partijiet**

It-Taqsim 3.7.16.8 tal-Kodiċi tal-Kondotta tal-Avukati Daniżi u l-Għaqda tal-Liġi (*Advokatsamfundets advokatetiske regler*) tidlikjara:

"Avukat għandu jagħmel kull sforz biex isib soluzzjoni għall-każ tal-klijent tiegħu bl-inqas spejjeż possibbli, filwaqt li jqis ix-xewqat u l-istruzzjonijiet tal-klijent."

Sorsi tal-ispejjeż**Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fid-Danimarka?**

Informazzjoni dwar l-ispejjeż tinsab fil-paġna ewlenija tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Daniżi u l-Għaqda tal-Liġi [Advokatsamfundet](#) u l-qrati Daniżi [Danmarks Domstole](#).

F'liema lingwi nista' nikseb informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fid-Danimarka?

Informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-qorti hija disponibbli bid-Daniż u bl-Ingliš.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

Informazzjoni dwar il-medjazzjoni (*retsmægling*) tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Qrati Daniżi [Danmarks Domstole](#).

Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż?**Siti elettroniċi b'informazzjoni dwar l-ispejjeż**

Is-sit elettroniku uffiċjali tal-Amministrazzjoni tal-Qrati Daniża [Domstolsstyrelsen](#) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar is-sistema ġudizzjarja Daniża u informazzjoni ta' kuntatt.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medja tat-tul ta' żmien li jieħdu proċeduri differenti?

Informazzjoni dwar il-medja tat-tul ta' żmien li jieħdu proċeduri ta' tipi differenti tinsab fuq is-sit elettroniku tal-qrati Daniżi [Danmarks Domstole](#).

Taxxa fuq il-Valur Miżjud**Fejn nista' nsib din l-informazzjoni?**

Normalment ir-rati ppubblikati jinkludu l-VAT.

Għajnuna legali

Il-limitu ta' dħul li japplika fil-qasam tal-ġustizzja ċivili

Il-limitu ta' dħul fir-rigward ta' għajnuna legali jiġi aġġustat darba fis-sena. FI-2019 applikaw il-limiti ta' dħul li ġejjin:

Persuna waħedha: DKK 329 000

Applikant miżżewweġ jew f'relazzjoni simili: DKK 418 000

Somma addizzjonali għal kull tifel jew tifla: DKK 57 000.

Kulħadd, irrispettivament mid-dħul, għandu d-dritt li jirċievi għajnuna legali bażika bil-fomm u mingħajr ħlas mill-istituzzjonijiet tal-għajnuna legali (*advokatvagten and retshjælpen*).

Il-limitu ta' dħul li japplika fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-akkużati

Id-dritt tal-akkużat għal rappreżentanza legali ma jiddependix fuq id-dħul, iżda fuq in-natura tal-kawża. Inġenerali, id-dritt tal-avukat difensur irid jitħallas mill-akkużat jekk dan jinstab ħati, irrispettivament mil-livell tad-dħul tiegħu.

Il-limitu tad-dħul li japplika fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi

Id-dritt tal-vittma għal rappreżentanza legali ma jiddependix fuq id-dħul, iżda fuq in-natura tal-kawża. Skont it-Taqsima 741(a) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, is-sitwazzjoni prinċipali li fiha l-vittmi jkunu intolati għal rappreżentanza legali jkunu kawżi li jinvolvu vjolenza u reati sesswali. F'każijiet bħal dawn, id-dritt tal-avukat irid jitħallas mill-Istat.

Kundizzjonijiet oħra marbuta mal-għoti ta' għajnuna legali lill-vittmi

Ara t-tweġiba mogħtija aktar 'il fuq dwar il-limitu ta' dħul li japplika fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi.

Kundizzjonijiet oħra marbuta mal-għoti ta' għajnuna legali lill-akkużati

Ara t-tweġiba mogħtija aktar 'il fuq dwar il-limitu ta' dħul li japplika fil-qasam tal-ġustizzja kriminali lill-akkużati.

Hemm proċedimenti tal-qorti li huma mingħajr ħlas?

Kif issemma aktar 'il fuq (ara t-tweġiba mogħtija dwar l-ispejjeż fissi għall-partijiet fi proċedimenti ċivili), ċerti kawżi ċivili huma ħielsa mid-drittijiet tal-qorti.

Madankollu, spejjeż oħra (pereżempju, id-drittijiet tal-avukati) jista' jkollhom jitħallsu matul il-proċedimenti.

Il-parti telliefa meta jkollha tħallas l-ispejjeż lill-parti rebbieħa?

Ir-regoli dwar il-kumpens tal-ispejjeż f'kawżi ċivili jinsabu fil-Kapitolu 30 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (*retsplejeloven*).

Bħala punt tat-tluq, il-parti telliefa trid tħallas l-ispejjeż tal-parti rebbieħa. Madankollu, jekk ċirkostanzi speċjali jkunu jeħtieġu hekk, il-qorti tista' tiddeċiedi jew li l-parti telliefa ma għandhiex tħallas l-ispejjeż tal-parti rebbieħa jew inkella din ikollha tħallas biss proporzjon ta' dawn l-ispejjeż.

Jistgħu jingħataw biss l-ispejjeż li huma meħtieġa għat-trattament proprju tal-kawża.

Drittijiet tal-esperti

Ir-rikorrent huwa responsabbli sabiex iħallas id-drittijiet tal-espert jekk dan ikun talab għall-opinjoni tal-espert dwar kwistjoni speċifika.

Meta tintemm il-kawża, il-qorti tiddeċiedi jekk il-konvenut għandux iħallas l-ispejjeż tal-espert jew le. Dan jiddependi mill-eżitu tal-kawża.

Drittijiet tat-tradutturi u tal-interpreti

Ir-regola ġenerali hija li f'kawżi ċivili d-drittijiet tal-interpreti jitħallsu mill-partijiet.

F'kawżi kriminali, id-drittijiet tal-interpreti jitħallsu mit-Teżor.

Dokumenti rilevanti

[Rapport mid-Danimarka dwar it-trasparenza fl-ispejjeż tal-qorti](#)  (560 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 20/06/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.